MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 745/2005

**SMS Insurance Agency Ltd. bhala Agenzija ghan-nom tas-socjeta estera Ecclesiastical Insurance Office plc kif surrogata fid-drittijiet ta' Dorothy Fenech**

**Vs**

**Charles Dimech ( ID 486768)**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li fih is-societa attrici talbet il-hlas ta' tlett mija u erba u ghoxrin Lira u erbatax il-centezmu (Lm324.14c) rapprezentanti danni f'incident awtomobilistiku ghal liema incident l-konvenut kien unikament responsabbli

minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Ra r-risposta fejn l-konvenut qal li mhux responsabbli ta’ dan l-incident.

Ra d-dokumenti ezebiti.

Ra r-road accident report fejn Dorothy Fenech qalet:

“Kont niezla via tal-Barrani fix-xita. Lilhu rajtu hiereg mill-pompa, zammejt il-brake ghax hsibt li ha jibqa hiereg u l-karozza baqghet miexja wahedha”.

Bhala hsara kellha il-mudguard u l-bieba.

Il-konvenut qal:

“Kont hiereg mill-pompa, waqaft u rajt lil l-ohra tisskidja ghal go fija.”

Bhala hsara kellu bicca ta’ taht il-bumper u l-indicator.

Ra x-xhieda ta’ Warden 31 Stephen Cassar fejn jikkonferma r-road accident report u l-iskizz.

Ra x-xhieda ta’ Mark Axiaq li huwa l-claims Manager mas-socjeta attrici fejn ezebixxa dokumenti in konnessjoni ma’ din il-claim.

Ra x-xhieda ta’ Dorothy Fenech fejn tghid li waqt li kienet fuq ix-xellug via tal-Barrani, hargilha l-konvenut u hekk kif ghamlet l-“emergency brake”, laqatha fil-mudguard ta’ quddiem.

Tikkonferma li qabel ma’ ghafset il-brake ma’ kienetx rat il-karozza tal-konvenut. Tikkonferma wkoll illi dakinhar kienet ix-xita.

Dwar l-ispeed tghid illi kienet ghaddejja madwar hamsa u tletin kilometri fis-siegha. Ma’ tiftakarax jekk b’rizultat tal-impatt resqetx iktar lejn il-lemin. Tichad illi qabel il-habta l-

vettura tal-konvenut kienet wieqfa u hi dahlet fih. Tghid ukoll illi wara l-impatt hi baqghet tisskidja.

Ra x-xhieda tal-konvenut fejn jikkonferma li qal fir-road accident report. Jikkonferma li fl-ebda hin ma’ ccaqlaq. Jaqbel ma’ l-iskizz.

Jikkonferma ukoll illi qabel l-incident kien hemm trakk tal-linja ghaddej minn quddiem. Fenech kienet wara dan it-trakk tal-linja. Jghid illi d-distanza bejn l-imsemmi trakk u Fenech kienet tul ta’ tlett karozza.

Illi kien id-dover tal-konvenut li ried isuq fid-direzzjoni tal-Barrani Road li jara li mhux gejjin karozzi minn fuq il-lemin tieghu. Jidher illi l-konvenut ma kienx qieghed izomm a proper look out. Il-konvenut kellu vizwali fit-tul jekk hares fid-direzzjoni fejn kienet gejja Fenech.

Illi fl-Artikolu 213 tal-Highway Code jghid:

“at an intersection or junction of a major road and a minor road, traffic on the latter should give way to traffic on or coming off the major road”.

Ma’ hemm ebda dubju illi Tal-Barrani Road, Zejtun hija “major road”.

Mill-iskizz jirrizulta li l-konvenut kien hareg ftit fuq il-main road. Il-konvenut kellu l-obligu li jaghti precedenza ghal traffiku li kien ghaddej mill-“major road”; kellu l-obbligu li jara dawk il-vetturi fuq il-major road u johrog biss meta setgha jaghmel hekk minghajr ma jostakola vetturi ohra. (ara Attard vs. Zammit PA 16/4/1993 u Bianchi vs. Patinott PA 18/5/1995 u Fogg vs. Vella (Appell 2141/95).

Illi mir-ritratt a fol 26 tal-process jirrizulta li l-konvenut hareg fuq il-main road. Il-kawza prossima tal-incident huwa l-fatt li hareg minghajr ma ra li kien hemm vettura gejja. Il-konvenut kellu jieqaf qabel u mhux johrog fuq il-main road imbaghad jieqaf.

Gew ezebiti s-survey report u kopji tal-ircevuti u jidhru ragjonevoli. Id-danni ma gewx kontestati mill-konvenut.

Ghaldaqstant t-Tribunal jilqa t-talba tas-socjeta attrici, tiddikjara li l-konvenut kien unikament risponsabbli ghal incident in kwistjoni u tikkundanna lil konvenut ihallas tlett mija u erba u ghoxrin Lira u erbatax il-centezmu (Lm324.14c) bl-ispejjes u bl-imghax mid-19 ta' Jannar 2005.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------